**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 536/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carlo Bartolo**

Seduta tal-4 t'Ottubru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carlo Bartolo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 314870M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat(art 18 Kap 9) , naqas li jaghti lill-Teresa Bartolo, is-somma ta' 300 Eur, fix-xhur ta' April 2015 u Mejju 2015, iffissata min dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghall-uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak

il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Dicembru, 2015 li biha lill-imputat hati u ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carlo Bartolo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar** is-sentenza appellata, tiddikjarha nulla ghar-ragunijiet indikati fil-korp ta' r-rikors tal-appell fl-intier tieghu, u considerando li l-appellanti qatt ma gie legalment notifikat skont il-ligi imma meta hekk notifikat l-akkuza kienet preskritta ukoll skont il-ligi, strettament minghajr pregudizzju, il-mertu tal-akkuza ghandu jigi ddikjarat ezawrit fuq il-bazi li huwa preskritt. Illi din il-Qorti tal-Appell ghandha taghti dawk il-provvedimenti opportuni li jidhrilha xierqa u gusti illi taghti, tidderiegi u tirrakomanda fl-inkwadratura tal-fatti ta' kif l-appellant gie trattat mill-Forzi tal-Pulizija, ta' kif l-appellanti gie mressaq quddiem il-Qorti u fl-inkwadratura tan-nuqqas ta' protezzjoni li l-appellanti ma nghatax minn dik il-Qorti li minnha huwa stenna li jigi ggudikat b'gustizzja meta din evidentament il-gustizzja ma dehritx li qed issir anke skond il-ligi, kif kien imfisser, u dan bl-ikbar rispett lejn l-Ewwel Qorti u l-gudikant li ppresjeda. L-appellant talab ukoll b'mod, **alternattivament** li **tirriforma** s-sentenza appellata billi taghti l-fakulta' lill-appellanti li jressaq id-diversi eccezzjonijiet tieghu skont kif hawn fuq deskritt u sussegwenetement jekk ikun il-kaz il-provi fil-mertu, biex tinghata decizjoni li tirrispekkja principju fundamentali fl-ordinament Guridiku taghna li l-gustizzja mhux biss trid isir imma tidher li qed issir u l-principju fundamentali l-iehor li fil-kaz ta' dubju, il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti ghandha tkun u tmur favur

l-akkuzat u mhux kif sar fil-kaz odjern. Illi din il-Qorti tal-Appell ghandha taghti wkoll dawk il-proveddimenti li jidhrilha xieraq u opportuni illi taghti, tidderiegi u tordna fl-inkwadratura ta' dak kollu li gie espost f'dan ir-rikors tal-appell odjern a bazi tat-tliet aspetti ta' kif isir Appell Kriminali skont kif hawn fuq espost;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell b'aggravji u talbiet pjuttost ta' natura kumplikata li izda mhix mehtiega decizzjoni dwarhom kollha ghaliex fl-udjenza tal-lum, l-appellant irtira l-aggravji u t-talbiet kollha hlief ghal dawn alternattivi u dan wara li l-kwerelanta xehedet bil-gurament illi l-manteniment dovut mill-appellant kien minnu saldat fil-mori;
2. Jibqa' ghalhekk li jkun deciz il-kap in subsidium li frankament din il-Qorti ssib diffikulta biex tifhem. Jidher izda, u kif donnu accetta l-appellant fl-udjenza tal-lum, illi l-alternattivita' fit-talba tieghu tirreferi ghal piena erogata mill-ewwel Qorti u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fil-kwadru tar-risoluzzjoni ta' pendenza twila bejn il-partijiet;

3. Illi kif gia inghad fis-seduta tal-lum, l-parti civili kkonfermat illi fil-mori tal-appell l-appellant ssalda d-debitu tieghu billi hallas il-manteniment dovut lilha skond kif ordnat mill-Qorti Civili

(Sezzjoni tal-Familja) mhux biss dwar il-mertu ta' dan l-appell izda ukoll dwar mertu ta' tlett appelli ohra pendenti quddiem din l-istess Qorti;

4. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bil-hlas tal-ammont kollu dovut;

5. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, din il-Qorti, qed tilqa' l-appell u ghalhekk wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet fil-mertu tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-twiddiba;